grupp ppe fil-parlament ewropew

Linji gwida politiċi tal-Grupp PPE dwar

# IR-RISPOSTA IMMEDJATA GĦALL-INVAŻJONI U GĦALL-AGGRESSJONI TAR-RUSSJA FL-UKRAJNA

04/04/2022

*Fl-24 ta' Frar 2022, bil-gwerra u bl-aggressjoni, mhux provokata u mhux ġustifikata, tar-Russja – li tikkostitwixxi delitt internazzjonali kontra l-Ukrajna – ir-realtà ġeopolitika Ewropea nbidlet drammatikament. L-Ukrajna sal-lum uriet livell bla preċedent ta' reżistenza u reżiljenza u impediet lir-Russja milli tilħaq l-objettivi inizjali tagħha tal-gwerra. L-Unjoni Ewropea rreaġixxiet malajr u b'mod deċiżiv, billi introduċiet sanzjonijiet bla preċedent li laqtu lir-Russja u lill-Belarussja, li hija kompliċi magħha. Kull analiżi li saret turi li din il-gwerra se ddum fit-tul. Għaldaqstant, hemm bżonn li jkompli jiżdied l-impatt, li l-komunità internazzjonali diġà ħalliet fuq ir-reġim Russu, bil-għan li tgħin biex din il-gwerra tintemm mill-aktar fis possibbli.*

**Linji ta' azzjoni ewlenin:**

1. Forniment ta' armi min-naħa tal-UE u tal-Istati Membri u għajnuna lill-Ukrajna biex tiddefendi ruħha. Jeħtieġ li l-UE tuża l-Faċilità Ewropea għall-Paċi u l-mezzi possibbli l-oħra kollha biex tgħin fil-forniment tal-armi;

2. Iridu jiġu offruti kurituri umanitarji siguri lill-popolazzjoni ċivili li qed jaħarbu mill-attakki u biex jissaħħu n-networks ta' għajnuna umanitarja tal-UE fl-Ukrajna (fjuwil, ikel, mediċini, ġeneraturi tal-enerġija u kampijiet mobbli). Fl-istess waqt, iridu jinfetħu kurituri tal-art "ħodor" biex tiddaħħal fl-Ukrajna kwalunkwe ħaġa meħtieġa biex tiżdied il-produzzjoni agrikola (eż. pestiċidi u fertilizzanti) u biex jinħarġu mill-Ukrajna l-prodotti agrikoli kollha li għadhom jistgħu jiġu esportati.

3. Il-mument għal aktar sanzjonijiet wasal:

> jintalab li jiġi applikat embargo totali u immedjat fuq l-importazzjonijiet mir-Russja ta' żejt, faħam, fjuwil nukleari u gass; jintalab li jiġu abbandunati għalkollox in-Nord Stream 1 u 2; u jiġi ppreżentat pjan biex tkompli tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tal-UE fuq perjodu qasir;

> jeħtieġ li jiġu esklużi mis-sistema SWIFT, il-banek Russi involuti fil-kummerċ ta' żejt u faħam;

> jeħtieġ li l-Istati Membri jiċħdu l-aċċess għall-portijiet kollha tal-UE lill-bastimenti li l-aħħar waqfa f'port jew dik li jmiss tkun fir-Russja. L-infrastrutturi tagħna ma jistgħux jintużaw biex jagħlfu magna tal-gwerra;

> l-Istati Membri għandom ikeċċu lill-ambaxxaturi Russi minn pajjiżhom bil-għan li jnaqqsu l-preżenza diplomatika Russa kemm jista' jkun sal-minimu;

> jeħtieġ li s-sanzjonijiet fil-konfront tal-Belarussja jirriflettu dawk introdotti fil-konfront tar-Russja, biex tingħalaq kull lakuna li permezz tagħha, Putin ikun jista' juża l-għajnuna ta' Lukashenko, ħalli jaħrab mis-sanzjonijiet (pereżempju, fuq il-banek u fuq l-esportazzjonijiet tal-prodotti taż-żejt);

> l-introduzzjoni ta' sanzjonijiet sekondarji fuq dawk l-entitajiet kollha li se jgħinu lir-reġim Russu u lir-reġim Belarussu biex jaħarbu mis-sanzjonijiet;

> il-pożizzjonijiet li ħadu ċerti pajjiżi biex jappoġġaw jew jastjenu milli jikkundannaw ir-reġim ta' Putin u l-aggressjoni jridu jwasslu għal konsegwenzi;

> is-sanzjonijiet għandhom jitneħħew biss

meta l-aħħar suldat tal-forzi okkupanti jkun telaq mit-territorju Ukren fuq il-bażi ta' ftehim konkluż mal-Gvern kostituzzjonali tal-Ukrajna.

4. L-istatus ta' pajjiż kandidat tal-Ukrajna: b'segwitu għall-applikazzjoni uffiċjali tal-Ukrajna għall-adeżjoni mal-UE, ippreżentata fit-28 ta' Frar 2022, u b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-10 u l-11 ta' Marzu, skont liema l-Ukrajna hija parti mill-familja Ewropea tagħna, l-istituzzjonijiet Ewropej jeħtieġ li jaħdmu biex iżommu l-wegħda li jagħtu lill-Ukrajna l-istatus ta' pajjiż kandidat mingħajr dewmien. Dan għaliex għandu jiġi evitat li l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-Ukrajna u taċ-ċittadini tagħha jisfaw vittmi tar-rikjesti ostili mir-Russja, li bħalissa qegħdin iħabbtu wiċċhom magħhom. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet Ewropej għandhom jaħdmu favur l-integrazzjoni aċċelerata ta l-Ukrajna fis-Suq Uniku tal-UE, skont il-formula "kollox ħlief is-tituzzjonijiet" u fuq il-linji tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

5. Fond għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna wara l-gwerra fuq il-mudell tal-Pjan Marshall. Dan il-messaġġ se jnissel tama fost l-Ukreni. Il-fond jeħtieġ li jkun ġeneruż u ffinanzjat mill-UE, mill-Istati Membri, mill-kontribuzzjonijiet tad-donaturi u mir-riżarċiment għad-danni tal-gwerra min-naħa tar-Russja, inklużi dawk l-assi Russi kkonfiskati/ssekwestrati b'riżultat ta' sanzjonijiet f'konformità mad-dritt internazzjonali;

6. Putin u Lukashenko jiġu ddefiniti bħala "kriminali tal-gwerra". Nagħmlu appell biex il-proċedimenti ġuridiċi fi ħdan id-dritt internazzjonali jinvestigaw u jieħdu azzjoni legali kontra kwalunkwe att, li jikkwalifika, mil-lat ġuridiku, bħala delitt tal-gwerra;

7. Ir-Russja post-Putin – jeħtiġilna naħdmu mal-poplu Russu. Jeħtiġilna nuru li l-UE lesta tgħin lir-Russja demokratika ta' għada. Illum il-ġurnata l-oppożizzjoni Russa għandha quddiemha diffikultajiet biex tkompli topera – mhux biss minħabba r-repressjonijiet ta' Putin, iżda wkoll minħabba l-effetti tas-sanzjonijiet tal-Punent. Jeħtieġ li nibagħtu sinjal ċar, li aħna lesti nerġgħu nistiednu lil Russja demokratika u responsabbli fil-komunità tan-nazzjonijiet.